**15 ta' Diċembru, 1997**

***Imħallfin:-***

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Louis Borg

*versus*

Salvatore Busuttil

## *Cautio Juratoria* - Artikolu 964 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Eżami tal-Mezzi - *Probabilis Causa Litigandi*

*Il-Qorti ta' l-Appell eżaminat iż-żewġ rekwiżiti għall-ammissjoni tal-granzija bil-ġurament fi proċeduri ta' appell minflok id-depożitu tal-garanzija ta' l-ispejjeż li huma l-eżami tal-mezz u l-*probabils causa *litigandi u wara li sabet illi l-appellant ma kellux* probabilis causa litigandi *ċaħdet it-talba għall-*cautio juratoria.

Il-Qorti:-

Il-Qorti trid qabel xejn tiddetermina jekk l-appellant għandux jew le *probabilis cause litigandi* biex jissokta dan l-appell. Dan għaliex b'rikors ta' l-14 ta' Diċembru, 1997 hu bil-ġurament tiegħu kkonferma illi ma kienx f'posizzjoni li jħallas l-ammont stabbilit mir-Reġistratur in kawtela ta' l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;

Din il-Qorti, fit-termini tas-subinċiż (1) ta' l-artikolu 964 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, stabbiliet permezz tad-deposizzjoni ta' l-istess appellant illi hu verament ma kellux il-mezzi biex jaffronta l-ammont tal-kawtela mhux biss għaliex id-dħul tiegħu ma kienx hekk jippermettilu imma ukoll għaliex l-ammont determina f'garanzija in relazzjoni ma' dan id-dħul kien wieħed relevanti;

Il-Qorti jeħtiġilha għalhekk tgħaddi għall-eżami tat-tieni element biex tiddetermina jekk l-appellant kienx intitolat li

jinghata l-opportunità li jittratta l-appell b'*cautio iuratoria* minflok bid-depożitu materjali ta' l-ammont mitlub. Ma hemmx ghalfejn jinghad li l-*probabilis causa litigandi* li timporta li jiġi determinat bażi ta' dritt u ta' fatt li jilleġġitimaw l-appell intavolat mill-appellant b'mod li jiġi minn din il-Qorti kkunsidrat li dan l-appell ma kienx wiehed frivolu u vessatorju u li allura kien jipprospetta sitwazzjonijiet ta' fatt u konsiderazzjonijiet ta' dritt li jimmeritaw approfondiment minn din il-Qorti ghandha tirriżulta mill-atti proċesswali u mill-provi allura prodotti quddiem l-Ewwel Qorti. Naturalment salv id-dritt limitat li l-liġi taghti lill-parti li tappella li tipproduċi provi ġodda anke f'dan l-istadju f'ċirkostanzi ben preċiżi li f'dan il-każ la jirriżultaw u lanqas qed jiġu prospettati mill-appellant;

Issa mill-aggravju ta' l-appellant din il-Qorti mhi assolutament xejn konvinta illi dan ghandu *causa litigandi* li tista', fid-dawl tal-provi miġbura, tiġi argumentata b'suċċess. L-appellant qed jippretendi li jista' *per via di eccezione* jistabbilixxi li kuntratt minnu ffirmat kien null ghax vizzjat b'simulazzjoni. Apparti jekk dan kienx jew le proċeduralment korrett u permissibbli fil-liġi - aspett dan li ma ġiex epurat mill-Ewwel Qorti ghax quddiemha din il-kwistjoni ma ġietx kontestata mill-appellat - u apparti l-fatt li l-appellant stess, quddiem dik l-Ewwel Qorti, talab u inghatalu ż-żmien biex jaġixxi b'azzjoni *ad hoc*, ghad-dikjarazzjoni ġudizzjarja, li l-kuntratt minnu impunjat kien null u bla effett fil-liġi, liema azzjoni l-appellat baqa' ma ntavolax, hu sorprendenti kif l-appellant jista' jippretendi li jipprova materja daqshekk delikata ta' simulazzjoni ta' kuntratt sempliċement bl-*affidavit* skars tieghu. *Affidavit* li, fil-verità, jammetti fih li hu kellu jaghti xi flus lill-attur appellat u li fih jippretendi b'mod konfuż u xejn kredibbli illi kien sfurzat jiffirma l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu taht pressjoni ghax dan ghamlu quddiem l-avukat tal-kreditur. Kuntratt li ġie rdatt u pubblikat minn Nutar Pubbliku. Ghal din il-Qorti - apparti l-insistenza naturali ta' kreditur li

kien qed jipprospetta li jista' jibqa' bla ma jitħallas - kollox jindika li l-kuntratt kien wieħed regolari u liberament konvenut. Liberament, naturalment, fir-rigward tal-kunsens kuntrattwali għax ir-riluttanza tad-debitur li jħallas dak minnu ammess li kien dovut mhijiex kontestata u hi evidenti. Biżżejjed jingħad li l-konvenut jiddikjara in kontro-eżami, "kelli nagħmlu bilfors (il-kuntratt) għax kelli nagħti";

Il-Qorti ma tarax kif u b'liema wiċċ tost l-appellant jista' jirrikonċilja din l-ammissjoni mal-pretensjoni ażżardata tiegħu li l-kuntratt minnu ffirmat u li hu l-bażi tal-preżenti azzjoni u li fih hu jammetti d-debitu tiegħu u jobbliga ruħu li jħallas kien simulat;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddikjara illi l-appellant ma ppruvax li hu kellu *probabilis causa litigandi* u ma tistax tammettih għal *cautio iuratoria*. Konsegwentement tiddikjara l-appell deżert in difett tal-ħlas ta' depożitu in kawtela ta' l-ispejjeż fi żmien utili u tordna l-kanċellament ta' l-istess appell mil-lista tal-kawżi;

L-ispejjeż jitħallsu mill-appellant.